MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 91/2003

**Alex Scicluna**

**vs**

**Paul Agius**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi fit-tletin (30) ta’ Marzu ta’ l-elfejn u tlieta (2003) waqt li l-konvenut kien qieghed jirriversja l-vettura tieghu tal-marka Opel Corsa bin-numru ta’ registrazzjoni ATS-004 fi Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex, huwa laqat vettura tal-marka Porsche Boxter bin-numru ta’ registrazzjoni JBF-248 proprjeta’ ta’ l-attur li kienet ipparkjata fil-genb ta’ l-istess triq.

Illi dan l-incident sehh minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku fis-sewqan da parti tal-konvenut.

Illi danni sofferti mill-attur jammontaw ghal tlett mitt lira Maltija (Lm300) rapprezentanti hlas ghal tiswijiet komprizi parts, xoghol u spray ta’ vettura liema xoghol ghad irid jigi kompletat.

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi, il-konvenut naqas li jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur.

Illi l-attur qed jitlob din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont flimkien ma’ l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, u tat-tlett ittri interpellatorji tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Gunju elfejn u tlieta (2003), it-tnejn (2) ta’ April elfejn u tleita (2003) u t-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Lulju elfejn u tlieta (2003) u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz.”

Sema’ d-deposizzjoni ta’ Dr. Michael Grech ghall-attur li kkonferma bil-gurament il-kontenut tal-avviz tat-talba;

Ra n-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat;

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta; ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici fis-seduta tal-24 ta’ Settembru 2003 f’liema seduta l-kapitoli gew ipprezentati mill-attur u approvati mit-Tribunal; u l-anqas deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni u dan minghajr ma gieb ebda raguni valida fil-ligi ghal dan in-nuqqas;

U billi dan igib mieghu il-konfessjoni prezenta tal-materja kkapitolata;

U billi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------